## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 473/2016

**Il-Pulizija**

**(Supt. Ian J. Abdilla)**

**vs**

**Kenneth De Martino**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Kenneth De Martino, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 467360M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'Novembru 2010 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, personalment u/jew fil-kapacita' tieghu bhala direttur tal-kumpanija K D Travel Services Limited (bin-numru tar-registrazzjoni C23603):

1. Irrenda ruhu komplici billi ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt; jew geghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, weghdiet, maniggi jew eghmil qarrieqi, inkella b'abbuz ta' awtorita' jew setgha, inkella ta struzzjonijiet biex isir delitt; jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti li bihom b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Gvern ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

Il-Qorti ntalbet sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti u l-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Ottubru, 2016 li biha ma sabitx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom illiberatu.

.

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Ottubru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogghobha **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell interpost mill-Avukat Generali fuq is-sentenza liberatorja tal-ewwel Qorti bil-gravami singolari li l-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi u ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha la darba l-appellat kien konxju tal-prassi frawdolenti ezercitata minn terzi b'dannu ghall-Unjoni Ewropea;

2. Illi l-fatti ta' dan il-kaz joriginaw minn indagini li kienet f'Malta, l-branka ta' kontra l-frodi tal- Kummissjoni Europea, l-Office de Lutte Antifraude maghrufa bhala OLAF. Minn din l-indagini li tkompliet mill-Pulizija Ezekuttiva, irrizulta illi membri fl-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali mpenjati f'laqghat fl-esteru tal-Kumitat tar-Regjuni tal-Unjoni Ewropea u li kienu ntitolati jivjaggaw *Club Class* bi dritt ta' rifuzzjoni, kienu jixtru l-biljetti tal-ajru mis-socjeta' KD Travel Services Limited li taghha huwa direttur l-appellat. Irrizulta, izda, illi l-prezz rifuz lill-membri mill-Kumitat tar-Regjuni kien ikun ferm aktar minn dak attwalment minnhom mhallas. Dan kien possibbli billi kienu l-ewwel jottjenu

stima ta' kemm jiswa biljett tal-ajru *Club Class* minghand is-socjeta' tal-appellat, imbaghad jixtru biljett ghal dak il-vjagg fi klassi *Economy* u jhallsu kontra l-invoice ufficjali ghal dak il-biljett filwaqt illi lill-Kumitat tar-Regjun jipprezentaw l-istima, mahruga b'mod informali ghall-ahhar u miktuba bl-idejn, u jircievu hlas tal-valur ta' dik l-istima li kif gia inghad kienet tkun ghola minn dak attwalment zborzat;

3. Dwar dawn il-fatti ma hemmx kontestazzjoni u d-dokumenti fl-atti processwali huma xhieda inekwivoka ta' dan il-*modus operandi*. L-ewwel Qorti li wara ghamlet, fil-fehma ta' din il-Qorti, esposizzjoni cara hafna tal-elementi tar-reat tal- frodi nnominata, kkonkludiet illi l-appellat sia fil-vesti personali tieghu kif ukoll *qua* direttur tas-socjeta' KD Travel Services Limited ma kienx hati ta' komplicita' fir-reat ravvizat fl-ewwel imputazzjoni;

4. L-appellant Avukat Generali jargumenta illi minkejja li huwa minnu li l-appellat ma kienx johrog il-fatturi *di pugno proprio* l-atti processwali juru illi *qua* direttur tas-socjeta' kien jaf b'din il-prassi frawdolenti li sehhet b'mod abitwali fuq medda ta' zmien. Jibda biex jinghad illi l-appellat huwa akkuzat bhala komplici u mhux bhala awtur tar-reat ravvizat fl-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali. Issa, kif ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Abela tat-28 ta; Lulju 2003 – App 163/2002 VDG, *"L-akkuza ta' frodi nnominata tikkomprendi fiha (bhala kompriza u involuta) dik ta' komplicita' fl-istess reat – Art 42(c) fir-reat kontemplat fl-Artikolu 309"*. Ghalhekk il-prosekuzzjoni kellha tipprova li fil-konfront tal-appellat kienu prezenti l-elementi kollha tar-reat;

5. L-fatti ta' dan il-kaz huma sintomatici tar-reat ta' frodi nnominata kif mfissra fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Francis Willoughby tat-12 ta' Frar, 1999 u wisq drabi citata b'approvazzjoni minn dawn il-Qrati fosthom Il-Pulizija vs Carmela German 30.12.2004 u Il-

Pulizija vs Anthony Bezzina 24.11.2010. Fis-sentenza Willoughby kien ritenut illi:

> "Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi nnominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ngann jew qera ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (*Il-Pulizija vs Emmanuele Ellul*, App Krim., 20/6/97; ara wkoll *Il-Pulizija vs Danel Frendo*, App Krim., 25/3/94*).* Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (*Il-Pulizija vs Carmel Cassar Parnis,* App Krim., 12/12/59, Vol XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'"raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mise en scene* - ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi nnominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija vs Carmelo Cassar Parnis,* App. Krim., 31/10/59, Vol XLIII.iv.1137; *IL-Pulizija vs Francesca Caruana ,* App Krim., 25/7/53, Vol XXXVII.iv.1127; ara wkoll *Il-Pulizija vs Giuseppe Schrainer,* App Krim., 3/3/56".

6. Fis-sentenza umbaghad li ccitat il-bran appena riprodott, Il-Pulizija vs Carmela German 30.12.2004, il-Qorti ziedet tghid illi:

> "Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi nnominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, <u>basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal-"qerq", cioe' tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba</u>, u basta,

**s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min naha l-ohra".**

7. L-ewwel Qorti ghamlet indagini minizjuza tal-fatti u l-ligi in rigward u sabet illi ghalkemm l-azzjoni tal-awturi ghandha mir-reat ta' frodi nnominata, l-agir tal-appellat, izda, ma jikwalifikahx bhala komplici fl-istess reat. Din il-Qorti taqbel ma' dan u zzid illi mkien mill-atti processwali ma jemergi dak l-hekk imsejjah *common design* bejn l-appellat u l-awturi tar-reat. L-Avukat Generali, anke fis-sottomissjonijiet orali tieghu, isostni illi l-appellat kien agevolat b'dan l-ezercizzju ghaliex b'hekk arrekixxa n-negozju tieghu, liema arrikkament jimmanifesta ruhu billi l-membri tal-Kunsill kienu jaqtghu il-biljetti tal-ajru minghandu b'mod abbitwali. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan ghaliex ghal dan il-ghan kien jehtieg li tingieb xi prova li l-origini ta' dan kollu, igifieri t-tender li intrebah mill-appellat ossia is-socjeta' minnu diretta. Ma jirrizultax illi kienet l-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali nnifisha li aggudikat it-tender favur l-appellat ossija s-socjeta' minnu diretta, naturalment ghaliex l-imputazzjonijiet kienu jkunu ben diversi minn dawk odjerni, u haga din li kienet tkun ta' indizzju versu l-element tal-*common design*;

8. Kif tajjeb jirrileva l-abbli difensur tal-appellat fis-sottomissjonijiet orali tieghu, l-appellat kien johrog forma ta' quotation ghall-kull rikjesta ta' biljett tal-ajru. Pero' *quotation* hija dik li hi, igifieri stima li fil-generalita' taghha mhix sufficjenti ghall-skop ta' rimbors ghaliex ma turix li kien hemm hlas ghas-servizz per via ta' *cash sale* jew almenu talba ghal hlas per via ta' *invoice* bhal fil-kaz odjern. L-ghazla li l-klijent jipprezenta l-*quotation* ghal skop ta' rimbors kienet biss tal-klijent u ma kellux' f'dan il-kaz' ikaxkar lill-appellat f'dawn il-proceduri. Kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni tipprova illi l-appellat kien jaf illi dik it-tharbixa ta' stima kienet qed isservi ta' strument sabiex il-klijent ikun

rimborsat ta' spejjez li qatt fil-verita' ma kien hallas almenu f'dak l-ammont;

9. Il-gravam tal-Avukat Generali imbaghad jestendi fuq il-liberazzjoni tal-appellat dwar it-tieni imputazzjoni, igifieri dik tal-ghemil ta' dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ghoti ta' tgharif falz kif ravvizat fl-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali bl-adezjoni tal-artikolu 310A. Huwa jargumenta illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta lliberat lill-appellat fuq il-konsiderazzjoni illi l-Kumitat tar-Regjun tal-Unjoni Ewropea muhiex "*awtorita' pubblika*" ghal fini tar-rekwizit msemmi fl-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali. Ezaminata din il-parti tas-sentenza, jidher li l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzzjoni taghha wara li ghamlet referenza ghall-artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 u l-artikolu 490 u 121(4) tal-Kodici Kriminali. In sintesi, l-ewwel Qorti rragunat u kkonkludiet illi il-Kodici Kriminali ma jipprovdix tifsira ghall-kliem "awtorita' pubblika". Il-Kapitolu 12 jabbraccja bhala awtorita' pubblika lill-Ministeri u d-dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi u li din m' ghandhiex tkun interpretata b'mod wiesa. Inoltre, il-Kapitolu 490 jipprovdi b'mod identiku ghall-Kapitolu 12 filwaqt illi l-artikolu 121(4) tal-Kodici Kriminali kien emendat appozitament biex jinkludi ufficjali jew impjegati ta' organizzazzjoni internazzjonali jew korp internazzjonali jew sovranazzjonali. Dan l-ahhar ragunament jiftiehem li qed jirreferi ghall-principju *ubi voluit dixit* u l-konsegwenzi ta' dan il-principju fuq il-fatt illi l-Kumitat tar-Regjun tal-Unjoni Ewropea *qua* korp konsultattiv, mhix inkluza bhala awtorita' pubblika fil-ligijiet taghna;

10. L-Avukat Generali jargumenta, izda, li l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 508 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi ghal din l-inkluzzjoni u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx tinjora tali provvediment. Il-Kapitolu 508 intestat Att Dwar il-Protezzjoni tal-Interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej fit-tieni Artikolu tieghu

jipprovdi li l-Komunitajiet Ewropej tinkludi l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. L-artikolu 3 tieghu imbaghad jiddisponi hekk: "Biex jitnehha kull dubju, id-disposizzjonijiet tas-Sub-Titolu II tat-Titolu V u tas-Sub-Titolu III tat-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali ghandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw meta r-reati hemmhekk imsemmija jitwettqu ghad-detriment u ghall-pregudizzju tal-Komunitajiet Ewropej u referenzi f'dawk l-artikoli, ghal "att pubbliku" ghandhom jiftiehmu bhala riferenzi ghal atti u strumenti skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu". Is-Subtitoli msemmija jikkomprendu l-artikoli 179 sa 188 u 293 sa 310C tal-Kodici Kriminali u ghalhekk hemm akkluz maghhom r-reat in dizamina, dak ta' falsifikazzjoni;

11. Issa l-Avukat Generali huwa kategoriku fil-kritika tieghu meta jghid li l-ewwel Qorti njorat id-disposti tal-Kapitolu 508. Huwa ma jghidx li l-kliem "awtorita' pubblika" fl-artikolu 188 tinkludi ukoll istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja anke minghajr referenza ghall-Kap 508, izda li dan il-Kapitolu kellu jkun konsiderat mill-ewwel Qorti. Dan l-Att, izda, kien promulgat fil-21 ta' Dicembru, 2010 (Att XXV -2010) filwaqt illi l-appellat kien imputat b'fatti li allegatament sehhew f'Novembru 2010 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel igifieri qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Att. Ghalhekk ma hemmx htiega li din il-Qorti tinoltra dwar jekk il-kliem "awtorita' pubblika" fl-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali jinkludix ukoll il-Kumitat tar-Regjun ta' l-Unjoni Ewropea u tirrizerva dik id-diskussjoni ghal meta tinqala' l-htiega f'kawzi ohra;

12. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud.